**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 563/2025/1**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Loraine Mifsud**

Illum 24 ta' Ġunju 2025

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni miġjuba kontra l-appellanti **Loraine Mifsud**, detentriċi tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 321876(M), akkużata quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli nhar id-9 ta' Diċembru 2023 u/jew fix-xhur u/jew snin ta' qabel ġewwa Triq il-Kaħli, Mellieħa u/jew ġewwa l-Gżejjer Maltin:

1. bla ħsieb li tisraq jew li tagħmel ħsara kontra l-liġi, iżda biss biex teżerċita jedd li tippretendi li għandha ġiegħlet bl-

awtorita' tagħha nnifisha lil Peter Cini u Eunice Cini jħallsu dejn, jew jeżegwixxu obbligazzjoni tkun xi tkun, jew fixklet lill-istess Peter Cini u Eunice Cini fil-pussess ta' ħwejjiġhom, jew ħattet bini, jew b'xi mod ieħor kontra l-liġi ndaħlet fi ħwejjiġhom.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex, f'każ ta ħtija, tapplika d-dispożizzjonijiet ta' Artikolu 377(5) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u tassigura li l-persuna li batiet l-ispoll titqiegħed għal kollox fl-istat ta' qabel batiet l-ispoll u dan *ai termini* ta' Artikolu 85(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Finalment, il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex, f'każ ta' ħtija, tapplika dispożizzjonijiet ta' Artikolu 377(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u tordna t-tneħħija ta' kull disordni jew inkonvenjent li bih ikun sar ir-reat jew li tordna lill-imputata sabiex tikkonforma ruħha mal-liġi fi żmien mogħti lilha taħt dik il-penali li l-Qorti jogħġobha timponi fin-nuqqas.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-30 ta' April 2025, fejn il-Qorti, wara li rat Artikolu 85(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputata ħatja tal-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tagħha u kkundannatha multa ta' elfejn u tliet mitt Euro (€2,300). Il-Qorti ordnat lill-imputata sabiex immedjatament u ċioè mhux iktar tard minn tliet ijiem mid-data tas-sentenza tgħaddi lill-*parte civile* ċavetta tal-bejt u tneħħi kwalsiasi tfixkil ieħor sabiex il-*parte civile* jaċċedu għall-bejt mertu tal-kawża. B'applikazzjoni ta' Artikolu 377(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti mponiet fuqha ammenda ta' għaxar Euro (€10) għal kull jum li l-imputata tonqos li tottempera ruħha ma' din l-ordni, liema terminu kellu jibda għaddej minn meta s-sentenza tgħaddi in ġudikat.

Rat ir-Rikors tal-appellanti ppreżentat fil-15 ta' Mejju 2025 fejn talbet lil din il-Qorti sabiex: *"jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevoka s-sentenza appellata in kwantu sabet l-appellanta ħatja ta' l-akkuża miġjuba kontra tagħha, billi tiddikjarha mhux ħatja u tilliberaha minn kull imputazzjoni, ħtija u piena; u f'każ li din l-Onorabbli Qorti*

*jogħġobha tikkonferma s-sentenza appellata, l-esponenti titlob li tiġi imposta piena aktar ekwa u ġusta għal każ odjern."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellanti eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-Risposta tal-Avukat Ġenerali għar-Rikors tal-appell tal-appellanti, liema Risposta ġiet ippreżentata fid-9 ta' Ġunju 2025.

Semgħet is-sottomissjonijiet finali bil-fomm.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza dwar appell minn sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fit-30 ta' April 2025.

Illi l-fatti ta' dan il-każ jirrigwardaw sitwazzjoni fejn l-appellanti, allegatament, bl-aġir tagħha, qed iċaħħad lill-*parte civile* Peter Cini u Eunice Cini minn użu tal-bejt. Jidher li l-appellanti hija s-sid tal-*penthouse,* waqt li l-*parte civile* huma s-sidien ta' żewġ appartamenti fl-istess blokka. Skont il-*parte civile* Peter Cini huwa dejjem kellu aċċess għal bejt mingħajr ma kellu għalfejn jitlob għall-permess. Jidher li riċentement l-appellanti wettqet xi xogħlijiet fil-blokka u l-bieb li kien jagħti għal bejt ingħalaq waqt li nfetaħ bieb ieħor, liema bieb qed ikun imsakkar b'ċavetta. Jidher li l-*parte civile* talab lill-appellanti għal ċavetta fejn hija rrifjutat li tagħti kopja ta' din iċ-ċavetta b'dan illi għandu jingħad li hija fetħitlu kull darba li huwa talab sabiex jitla' fuq il-bejt.

Illi qabel tipproċedi ulterjorment ikun opportun li din il-Qorti tinnota li huwa ben magħruf li hija ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati sakemm din tkun waslet għall-konklużjoni tagħha legalment u raġonevolment. F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fis-17 ta' Ġunju 2019 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Apap** (Numru 58/2018) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "In primis, jingħad li hu prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha. Fi kliem ieħor, din il-Qorti ma tbiddilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi magħmula mill-Ewwel Qorti, iżda tagħmel apprezzament approfondit ta' l-istess biex tara jekk l-Ewwel Qorti kinitx raġonevoli fil-konklużjoni tagħha. Jekk din il-Qorti tasal għall-konklużjoni li l-Ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setgħetx raġonevolment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha, allura dik tkun raġuni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konklużjoni."

Illi l-Qorti ser tgħaddi issa sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravji mressqa mill-appellanti fir-Rikors tal-appell tagħha.

**Ikkunsidrat**

Illi fl-ewwel aggravju tagħha l-appellanti tilmenta dwar l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Ewwel Qorti. Hija tgħid li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament ħażin tal-provi u ma setgħetx issib ħtija abbażi tal-provi prodotti quddiemha. Hija tisħaq li ma taqbilx li f'dan il-każ jirriżultaw l-elementi kostituttivi tar-reat ta' *ragion fattasi*. Wara li telenka l-elementi li jsawwru r-reat imsemmi, l-appellanti tirreferi għal dak li hija ssejjaħ bħala l-element prinċipali u tgħid: *"Illi l-element prinċipali cioè tal-pussess ma tridx tkun waħda merament kostruttiva, iżda biex jiġi integrat ir-rejat ta' ragion fattasi, irid ikun pussess "attwali" u ċioè li l-azzjoni tat-terz tkun twassal għat-turbativa tal-istatus quo."* L-appellanti tgħid li l-*parte civile* kien inkonsistenti tant li ma ntlaħaqx il-grad ta' prova rikjest mil-liġi.

Illi l-appellanti tispjega kif waqt ix-xiehda tiegħu, il-*parte civile* qal li l-bieb kien ilu miftuħ xi tletin sena u li kellu dritt ta' aċċess skont

il-kuntratt ta' akkwist tiegħu. Tirreferi għal kontro-eżami tal-*parte civile* Peter Cini. Tisħaq li minn eżami tax-xiehda tal-*parte civile* msemmi jirriżulta li l-pretensjoni ta' aċċess u l-pussess allegat tiegħu m'huwiex ibbażat fuq dritt ta' aċċess fiżiku u ċioè użu minnu regolari tal-bieb in kwistjoni iżda fuq allegat dritt skont il-kuntratt ta' l-akkwist tiegħu u dana peress li minkejja li ġie mistoqsi diversi drabi, il-*parte civile* baqa' ma ndikax l-aħħar darba li aċċeda l-bejt mill-bieb l-antik u kkonferma li kien jitla' mill-proprjeta' adjaċenti għaliex kien aktar komdu għalih. L-appellanti tirreferi għax-xiehda tagħha fejn tgħid li kienet hi biss li kellha ċ-ċavetta tal-bejt u jekk il-*parte civile* kellu bżonn jitla' fuq il-bejt kien jitlob lilha u hija kienet tiftaħlu. Tispjega li minħabba xi żviluppi fil-proprjeta' tagħha, il-bieb il-qadim kellu jingħalaq u nfetaħ bieb ieħor bl-istess għan. Tkompli li bħal bieb il-qadim, il-ġdid baqa' imsakkar.

Illi din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tara jekk minn dak li jirriżulta mill-atti proċesswali l-Ewwel Qorti setgħetx issib lill-appellanti ħatja tar-reat ta' *ragion fattasi* jew dak li jissejjaħ *"the exercise of a pretended right"* li hija ġiet akkużat bih.

Illi għandu jingħad li l-azzjoni bbażata fuq Artikolu 85 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta hija speċi ta' żona griġja bejn il-kamp ċivili u dak kriminali tant li meta kien qed jiġi abbozzat il-Kodiċi Penali Malti, Sir Andrew Jameson fir-Rapport tiegħu kien osserva s-segwenti:

> *"It is doubtful whether acts of this kind would not be better left to the operation of the ordinary civil remedies by way of interdict of or claim for damages..."* (Ara Prof. Sir Anthony Mamo – Notes on Criminal Law (1958 edit.), Parti Specjali – Vol. II).

Illi l-elementi tar-reat ta' *ragion fattasi* ġew miġbura fid-definizzjoni analitika mogħtija fl-14 ta' Ottubru 1944 fis-sentenza ta' l-appell kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Giuseppe Bonavia et** (Vol. XXXII – IV, p.768) u dawn jinkludu:

- l-ewwel element: att estern li jimpedixxi persuna oħra minn dritt li hija tgawdi, u li jkun sar bid-dissens espliċitu jew impliċitu ta' dik il-persuna;

- it-tieni element: l-aġent irid jemmen li qed jaġixxi bi dritt;

- it-tielet element: ix-xjenza tal-aġent li qed jieħu b'idejh ("*di privato braccio*") dak li suppost jieħu tramite l-proċess legali;

- ir-raba' element: l-att ma jinkwadrax ruħu f'reat aktar gravi.

Illi, kif dejjem ġie ritenut, element importanti kostituttiv ta' dan ir-reat hu dak intenzjonali fis-sens li l-aġir ta' dak li jkun irid ikun magħmul bil-ħsieb li hu qed jeżerċita dritt li jaħseb li għandu għad-distinzjoni mir-reati, per eżempju, ta' serq jew danni volontarji fuq proprjeta' ta' ħaddiehor. Għalhekk hemm bżonn li ssir indaġni fuq il-movent li jkun wassal lill-persuna li kkommettiet dan ir-reat biex tagħmel dak li għamlet. L-element materjali invece jikkonsisti f'illi wieħed jippriva persuna oħra minn xi dritt fuq ħaġa li għandu t-tgawdija tagħha.

Illi r-reat ma jissussistix meta l-att materjali jikkonsisti fir-retenzjoni ta' pussess li dak li jkun diġa' ikollu. Hemm bżonn li jkun hemm att pożittiv li jippriva lit-terz jew ifixklu fil-pussess tal-ħaġa għax kif jgħid **Carrara** (Prog. Parte Speciale, Vol. 5, para. 2850):

> *"L'atto esterno deve privare l'altro contro sua voglia di un bene che gode. Chi é nell'attuale godimento di un bene e continua a goderne a dispetto di chi non voglia; non delinque perché la legge protegge lo "stato quo", il quale non puó variarsi tranne per consenso degli interessati o per decreto della autoritá giudiziale."*

Illi fir-rigward tar-raba' element hawn fuq imsemmi għandu jingħad li n-nuqqas ta' titolu jirrendi l-fatt aktar gravi b'dan illi huwa suffiċjenti li jikkonkorru l-ewwel tliet elementi. Għall-finijiet tar-reat ta' *ragion fattasi* huwa biżżejjed xi forma ta' pussess.

Illi l-ġurisprudenza wkoll timxi mal-prinċipju li *"r-reat ta' ragion fattasi mhux meqjus bħala delitt kontra l-proprjeta' iżda bħala delitt kontra l-amministrazzjoni tal-ġustizzja u amministrazzjonijiet pubbliċi oħra."*[1] Għandu jingħad li Artikolu 85 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta huwa ntiż biex dak li jkun ma jieħux il-liġi b'idejh.

Illi l-aggravju in eżami jorbot mal-ewwel element kif imsemmi aktar 'il fuq. Għaldaqstant din il-Qorti ser tillimita l-istħarriġ tagħha fir-rigward tal-element imsemmi fejn l-ewwel element li jrid jiġi sodisfatt sabiex jirriżulta r-reat ta' *ragion fattasi* huwa li għandu jkun hemm att estern li jimpedixxi persuna mit-tgawdija ta' dritt li hija għandha. Dwar dan l-element din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fl-20 ta' Diċembru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Bernardette Vella** (Numru 190/2021), fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "62. [...] Għal dak li jirrigwarda l-ewwel element, il-ġurisprudenza prevalenti tal-Qrati tagħna tabbraċċja d-definizzjoni ta' 'tgawdija' fis-sens wiesgħa ta' 'pussess sempliċi'. Il-Carmignani saħansitra jmur pass oltre għax jiddefinixxi dan il-'pussess' bħala wieħed attwali hekk kif il-kwerelant neċessarjament irid jipprova li fil-mument li seħħ l-att spoljattiv huwa kien qiegħed jagħmel użu mill-ħaġa spoljata. Hekk per eżempju nsibu fil-kawża **Il-Pulizija vs. Joseph Bongailas** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-22 ta' Ottubru 2001:
>
>> L-Artikolu 85 tal-Kodiċi Kriminali li jittratta dwar ir-*ragion fattasi*, bl-ewwel rekwiżit tiegħu, kjarament iqis bħal aġir kriminali kull att ta' xi ħadd li jfixkel lil xi ħaddieħor fil-pussess ta' xi ħaġa li qed igawdi. L-imsemmi artikolu, għalhekk, jittutela l-pussess tal-ħaġa u mhux neċessarjament ukoll il-proprjeta' tagħha. Il-kelma pussess, għalhekk, tinkludi l-użu jew

[1] Ara **Il-Pulizija vs. Georgina Gauci** tas-7 ta' Jannar 1998, Qorti tal-Appell Kriminali.

tgawdija ta' dik il-ħaġa....Li hu importanti, ai fini ta' l-Artikolu 85 tal-Kap. 9, dejjem **riferibbilment għall-ewwel element kostituttiv tiegħu huwa jekk effettivament sa dik in-nhar li sar dan l-allegat att ta' spoll mill-appellant, kellhomx il-kwerelanti l-pussess, ossija l-użu u/jew it-tgawdija tal-fond in kwistjoni.**"

Illi b'żieda ma' dak li għadu kemm ġie ċitat, li din il-Qorti tagħmlu tagħha peress li taqbel miegħu, għandu jingħad ukoll li mit-traskrizzjoni tad-depożizzjoni mogħtija mill-*parte civile* Peter Cini quddiem l-Ewwel Qorti jirriżulta s-segwenti (*a fol.* 19):

"Xhud: Sakemm lestejna l-proprjetajiet 1 u 2 *shell form*. Bieb jew ma kienx hemm jew dejjem kien miftuħ. Il-proprjeta' tankijiet, *ball valves* ġodda naħseb għamilt xi erba' snin/ħamsa ma kellix bżonn nitla' 'l hemm fuq. Meta ġejt bżonn biex nitla' lil Chris Borg kont għidtlu *"isma, komdu inti?"*. Qalli *"meta trid u kemm trid"* u għadu ħaj mimli bil-għomor. Tista' ssaqsih.

Dr. Austin Gauci Maistre: Jiġifieri kull darba li inti kellek titla' fuq il-bejt qabel kont titla' mingħand dan is-sur Chris Borg? Qed nifhem sew jiena?

Xhud: Ġieli tlajt mit-terrazzin imma ma kinitx repetutament għax kien jaqbilli għall-kumdita' nitla' mingħand Chris Borg.

Dr. Austin Gauci Maistre: Tajjeb. Pero' naqblu li inti ċavetta ta' dan il-bieb li hawn ritratt tiegħu hawnhekk — Forsi tindikalna liema hu jekk jogħġbok?

Xhud: Ijja, ijja dak hu."

Illi dak li ngħad hawn fuq ma jirriżultax li ġie merut mill-appellanti. Minn dak li ġie appena ċitat jirriżulta li sakemm il-

bieb il-qadim ma ngħalaqx, dan kien baqa' miftuħ, għalhekk jikkonsegwi li l-*parte civile* ma kellux bżonn ta' ċavetta. L-appellanti tgħid li hija kellha ċ-ċavetta tal-bieb il-qadim iżda ma tgħidx li hija kienet sakkret dan il-bieb. Jidher li kien biss wara li l-appellanti għalqet il-bieb il-qadim u fetħet il-bieb il-ġdid li l-*parte civile* la seta' jitla bis-sellum kif kien jagħmel qabel u lanqas seta' juża aktar il-bieb il-ġdid stante li issa kien imsakkar u kienet biss l-appellanti li kellha kopja taċ-ċavetta. Il-fatt li l-appellanti jew nies imqabbda minnha dejjem fetħu lill-*parte civile* ma jfissirx li ma tneħħiex l-użu tal-bejt minħabba li fejn qabel huwa ma kienx ikollu għalfejn jitlob permess jitla' fuq il-bejt issa ġie f'pożizzjoni li ma għandux tali aċċess mingħajr il-permess jew il-presenza tal-appellanti!

Illi minn dan jirriżulta li l-ewwel element tar-reat ta' *ragion fattasi* ġie ppruvat. Konsegwentement fil-fehma ta' din il-Qorti, l-Ewwel Qorti setgħet raġonevolment tasal għal konklużjoni li waslet għaliha bil-konsegwenza li l-aggravju in eżami qed jiġi miċħud.

**Ikkunsidrat**

Illi fit-<u>tieni aggravju</u> tagħha l-appellanti tgħid li r-reat in kwistjoni huwa preskritt. Tispjega li l-piena massima ta' dan ir-reat hija ta' massimu ta' tliet xhur priġunerija u li għalhekk skont Artikolu 688(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta l-perjodu preskrittiv huwa dak ta' sentejn. Targumenta li jekk wieħed iqis li l-*parte civile* tilef l-aċċess minn meta hija xtrat il-post tagħha u ċioè mis-7 ta' Ottubru 2020, it-terminu preskrittiv kien għadda u ċioè ħafna aktar minn sentejn minn meta hija ġiet notifikata biċ-ċitazzjoni.

Illi fin-Noti tiegħu <u>Notes on Criminal Law</u> <u>(First Year – Criminal Law)</u>, il-Professur Sir Anthony Mamo jikteb hekk:

> "[..W]e should not confuse the <u>continuance of the effects</u> of an offence with the <u>continuance of the offence itself</u>: There may be the former even if the offence is definitely instantaneous. Thus, for instance, homicide, bodily

> harm, theft, etc., are instantaneous offences, although the effects of them are permanent. [...]
>
> An offence is instantaneous if the violation of the right or interest is protected by the law is entirely competed as soon as all the elements constituting the offence actually concur. The <u>effects</u> of the offence may or may not continue after the perpetration of the act or omission constituting the offence: but if they continue, it is not because of any of any further act or omission on the part of the offender or of the permanence of his original act or omission, but merely as a result of such original act or omission; in other words, the continuance of the offence is not occasioned by the repetition or the continuance of the wrongful act or omission which gave rise to the violation of the right or interest protected by law."

Illi din il-Qorti tagħmel riferenza wkoll għas-sentenza mogħtija fit-23 ta' Jannar 2014 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. John Zahra** (Numru 78/13), fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Għal dak li jirrigwarda l-preskrizzjoni, l-akkuża miġjuba kontra l-appellant, tirreferi għal data partikolari u ċioè l-15 ta' Frar ta' l-2007 u fix-xhur ta' qabel. Pero l-appellant jargumenta illi d-dgħajsa tpoġġiet f'dik il-bitħa aktar minn seba' snin qabel id-data ta' l-imputazzjoni u għalhekk l-azzjoni kriminali fil-konfront ta' l-appellant kienet estinta. Bir-rispett il-Qorti ma taqbilx ma' dan l-argument.
>
> Ir-reat ta' *ragion fattasi*, huwa reat permanenti u jibqa' jiddekorri sa meta l-Pulizija joħorgu akkuża kontra persuna. Dan mhuwiex xi reat instantanju, ta' darba imma jibqa' jissussisti sakemm tibqa' tippersisti l-illegalita'. Quindi, l-preskrizzjoni f'dan il-każ ma tavverax ruħha."

Illi b'żieda ma' dak li ngħad hawn fuq din il-Qorti tinnota li l-appellanti allura imputata ġiet mixlija quddiem l-Ewwel Qorti *"talli nhar id-09 ta' Diċembru 2023 u/jew fix-xhur u/jew fis-snin ta' qabel".* Apparti minn dan, jirriżulta li l-appellanti lanqas għandha raġun meta tgħid li t-terminu preskrittiv beda jiddekorri mid-data ta' meta ġie nstallat l-ewwel bieb jew aħjar meta hija xtrat l-appartament. Din il-Qorti tgħid dan minħabba li l-ispoll sar permezz tat-tieni bieb ġialadarba jidher li l-ewwel bieb kien jibqa' miftuħ. Mill-atti proċesswali jirriżulta li l-unika data ċerta ta' meta kien diġa' ġie nstallat t-tieni bieb huwa l-1 ta' Mejju 2023 hekk kif qal il-*parte civile* kif ukoll kif jirriżulta mill-affidavit ta' PC 521 C. Cutajar (*a fol.* 7). Għalhekk tenut kont li l-ewwel seduta quddiem l-Ewwel Qorti seħħet fis-17 ta' Jannar 2025 u dakinhar dehret l-appellanti allura imputata jsegwi li kienet notifikata u allura s-sentejn ma kienux laħqu għaddew.

Illi, tenut kont ta' dak kollu li ngħad hawn fuq fir-rigward tal-aggravju in eżami, jirriżulta li anke t-tieni aggravju għandu jiġi miċħud ukoll.

**Ikkunsidrat**

Illi fit-talbiet tagħha hekk kif kontenuti fir-Rikors tal-appell tagħha, l-appellanti titlob, fost l-oħrajn, għal piena aktar aktar u ġusta għal dan il-każ. Minkejja dan, għandu jingħad li fir-Rikors tal-appell tagħha l-appellanti ma ressqet l-ebda aggravju dwar il-piena erogata fil-konfront tagħha u anqas ressqet ir-raġuni/jiet għat-talba in kwistjoni. Għaldaqstant, it-talba in kwistjoni qed tiġi miċħuda.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellanti Loraine Mifsud u tikkonferma s-

sentenza appellata fl-intier tagħha b'dan illi kwalunkwe terminu msemmi fid-*decide* tas-sentenza appellata għandu jibda jgħaddi mil-lum.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**